

## Minn Malta

Kif kulħadd jaf, l-Arċisqof Pawlu Cremona, qed jagħmel **il-Vista Pastorali** fil-Djoċesi ta' Malta. Fix-xahar ta' Novembru, kien imiss lill- parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat. L-Arċisqof, mhux biss jagħmel laqgħat ma' gruppi differenti tal-parroċċa imma wkoll iżur il-Komunitajiet Reliġjużi. Għalhekk, il-komunità tagħna ta' Sant'Agata kellha x-xorti li tilqa' lill-E.T. Mons. Arċisqof għal quddiesa u ikla tal-aħwa.

Ritratt: Waqt il-quddiesa fil-kappella ta' Sant'Agata

## Nista' nsaqsik domanda?

*Int wieħed jew waħda li tirċievi dan il-fuljett kull xahar? Int qed taqra dan il-fuljett illum l-ewwel darba?* Jekk għoġbitek, tixtieq tgħinna nibqgħu noħorġuha?

### Jekk iva, kun

*Sostenitur Ordinarju:* ***Donazzjoni Libera***
*Sostenitur ĦAbib:* ***23 Ewro Fis-Sena***
Sostenitur Perpetwu: **116 Ewro Darba**



**Għal min ikun jixtieq jikkuntatja lil Fr. Bonavia**
**Tel: 2144 1917 • Mob: 7926 5968**
**Indirizz: l-Oratorju San Domenico Savio**
**Triq San Ġiljan B'Kara BKR2806**



## Riflessjonijiet spiritwali fuq il-ħajja u l-ħidma ta' Mons. Ġ. De Piro

NRU 1

*Nixtieq naqsam magħkom xi riflessjonijiet fuq l-ispiritwalità tal-qaddej ta' Alla Mons.Ġ. De Piro. Dan sabiex, mhux biss insiru nafuh aktar, imma wkoll, meta aħna nirriflettu fuq l-ispiritwalità tiegħu ser tgħinna biex bħalu naslu għall-esperjenza li hu għamel ta' Alla...*

*L-ispiritwalità mhix xi ideoloġija li wieħed isibha fil-kotba. Imma hija aktar minn kollox, sejħa ta' Alla għal mixja lejH sakemm ninbidlu fix-xbieha u xebh tiegħu*

L-akbar xewqa li kellu Mons. De Piro kienet li jħobb 'l Alla u li jagħmlu aktar magħruf. Dan joħroġ malajr mill-mod ta' ħajja li għex u mill-għażliet li għamel tul ħajtu kollha. L-istorja ta' ħajtu hija għalina mappa tajba fil-mixja tiegħu lejn il-Mulej.

Hu ma kitibx kotba ta' talb jew xi trattati tat-teoloġija, imma għandna minjiera ta' tagħlim biżżejjed: mix-xhieda li taw dawk li għexu miegħu, mid-djarju li hu żamm, mill-ittri li tagħhom kien iżomm kopja u mill-omeliji. F'kitbietu u fi kliemu huwa kellu stil sempliċi, u kellu ċerti punti fundamentali tal-fidi, li spiss kien jirritorna għalihom fil-kitba u fl-omeliji.

Hekk pereżempju, huwa kien iħobb jgħid li meta Alla sejjaħlu sabu fost il-midinbin. Barra dan, huwa kien iħoss li ir-rigal li tah Alla kien irid jgħaddih lill-oħrajn waqt il-ministeru tiegħu ta' saċerdot, ragħaj, missier il-foqra u ħabib tal-missjunarji. Dan għamlu tul il-ħajja qasira tiegħu fid-diversi ħidmiet li kellu, li nistgħu niġbruhom fi tlieta: azzjoni soċjali, imħabba għall-erwieħ u spirtu missjunarju, f'xewqa u talb ħalli tikber is-saltna ta' Alla. F'dawn it-tliet punti niskopru l-ispiritwalità ta' dan il-qaddej ta' Alla.

*Dan it-tagħrif insibuh fil-Ktieb, 'Found among Sinners', ta' Fr Martin Cilia mssp*

**Jannar 2012 / Għadd 465**
**Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP**






## Ftuħ Uffiċjali tal-Iskola Primarja tal-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl

Il-Ħamis 8 ta' Diċembru 2011 ra il-ftuħ uffiċjali tal-Iskola Primarja tal-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl, f'ċerimonja li nbdiet fl-Awditorju Sant'Agata. Wara mument ta' talb u diskorsi ta' l-okkażjoni, intwera *video* tal-process tal-bini, u kant mill-istudenti. Imbgħad sar il-kxif tal-lapida kommemorattiva minn Fr. Bernard Mangion MSSP, is-Superjur Ġenerali u t-tberik tal-iskola mill-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona OP.

Fid-diskors tiegħu, Fr Silvio Bezzina MSSP, Rettur, qal li din hija ġurnata storika għall-Kulleġġ. It-twaqqif tal-Iskola Primarja tal-Kulleġġ hija ir-rispons tal-istess Kulleġġ għar-riforma nazzjonali fl-edukazzjoni. Meta ġie deċiż li jitwaqqaf l-ezami tal-*Common Entrance* u tal-*Junior Lyceum*, rajna li t-twaqqif tal-Iskola Primarja ikun l-aħjar pass 'l quddiem biex tigi zgurata kontinwita' fl-edukazzjoni. F'dan il-pass, il-Kulleġġ sab l-appoġġ tal-awtoritajiet ċivili, ekklezjastiċi u edukattivi.

F'Settembru 2011 daħlu l-ewwel mitt student fl-ewwel u fir-raba' klassi tal-iskola primarja. Il-ġenituri ta' dawn studenti għażlu li jibgħatu lil uliedhom fil-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl fi tmiem il-process ta' polza għall-għażla tal-iskola. Ċertament raw u semgħu dwar il-ġid kbir li diġa sar u għadu jsir ma' studenti oħra f'dan il-Kulleġġ, u xtaqu li dan l-istess ġid isir ma' wliedhom ukoll.

Il-bini ta' l-iskola primarja ħa post dak li qabel kien id-*DePiro Youth Centre*, biswit l-iskola sekondarja. Saru alterazzjonijiet u nbena sular ieħor. Il-binja hija ppjanata li tilħaq il-ħtigijiet edukattivi tal-istudenti kollha, huma x'inhuma il-ħiliet u l-abiltajiet tagħhom. Għalhekk qed tiġi mgħamra bl-aktar apparat modern edukattiv fosthom *interactive whiteboards* f'kull klassi. L-iskola tinkludi wkoll *gymnasium*, *dining room*, *computer room*, librerija u kmamar għal bżonnijiet speċjali oħra. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni ta' l-iskola primarja inbeda fl-2010 u tlesta fi żmien qasir, dan grazzi għat-tmexxija u għall-bżulija tal-ħaddiema, voluntiera u ħbieb oħra li offrew u taw l-għajnuna tagħhom.

Niżżu hajr lil Alla ta' dan kollu, u nitolbuħ ikomplu jżomm idejħ fuq il-Kulleġġ tagħna.

**Fr Silvio Bezzina mssp, Rettur**



# Il-Motherhouse tagħna, Sant'Agata

NRU 1

*Din is-sena nixtiequ nwasslulkom tagħrif fuq id-Djar u l-ministeri differenti tas-Soċjetà tagħna, f'Malta u fil-missjonijiet*

L-ewwel membri tas-Soċjetà kienu joqogħdu f'numru 5 fi Triq San Rokku, l-Imdina. Din kienet biċċa ċkejkna mid-dar fejn illum jinsabu s-sorijiet tad-Dorotej. Din id-dar il-Fundatur kien sejħilha "*Dar ċkejkna ta' San Pawl*." Dan kien f'Ġunju tal-1910.

Imma ġara li miet sid id-dar, u l-werrieta riduha. Instabet dar fl-Imdina stess; aktar milli dar, din kienet biċċa minn Palazzo Xara, rokna ċkejkna tal-palazz. Id-daħla tagħhom kienet mill-bieb tal-ġenb, li kien jiġi fi Strada San Pawl, numru 10, li jiġi wara l-monasteru tas-sorijiet Benedittini. Hawn ma damux wisq għax is-sid ried jittrasforma l-palazz f'lukanda.

Għalhekk, fis-sena 1931 l-ewwel membri kellhom jerġgħu jġorru għal post ieħor fl-Imdina fi Strada Ċelsi numru 10; illum Triq Mesquita. B'xorti tajba ma kellhomx jgħixu għal żmien twil f'dik id-dar li kienet nieqsa tista' tgħid minn kollox.

Mons. De Piro kien ilu sa mis-sena 1919 li tefa' għajnejh fuq il-Knisja ta' Sant'Agata u l-għelieqi ta' madwarha. Imma kellu jistenna sat-3 ta' Ottubru tas-sena 1932 biex l-Isqof Don Mawru Caruana qiegħed l-ewwel ġebla li kellha tkun il-bidu tal-*Motherhouse*, Sant' Agata, binja kbira u sabiħa. Imma sakemm wasal għal din l-okkażjoni kellu jitħabat mhux ftit. Infatti fid-diskors tal-okkażjoni, fost l-oħrajn qal, '...... *Huwa magħruf minn kulħadd li dawk l-opri li mhumiex tagħna, imma huma tal-Mulej, għandhom distintiv li jagħrafhom minn oħrajn. Huma jiżżejnu biż-żina tat-tfixkil. Din l-opra li għandna quddiemna u f'idejna tant kellha kuntrarjetajiet li nqalgħu waħda fuq oħra għal tul ta' erbatax-il sena, b'mod li kull bniedem, kien ikollu ta' bilfors jaqta' qalbu. Imma, billi kien Alla nnifsu li midd idu għall-opra, lill-qaddejja tiegħu qatt ma naqsitilhom il-ħeġġa.....*'

L-idea ta' kif għandha tiġi d-dar kien ta' Mons. De Piro, u l-perit kien Ugo Mallia. Biż-żmien il-bini kellu jitkabbar għal kif inhu llum, li jista' jissejjaħ, '*il-kumpless ta' Sant' Agata*'. Dan għaliex barra li hemm parti mhux ħażin fejn joqogħdu l-patrijiet, insibu wkoll swali għal-laqgħat, kappella privata u oħra għall-pubbliku, li hija dedikata lil Sant'Agata. Din hija mfittxija ħafna għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-żwieġ, il-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl, u l-iskola primarja.

Fl-istess post insibu wkoll il-Katakombi ta' Sant'Agata, li jmur lura għas-seklu tlieta qabel Kristu.


Il-Kappella ta' St. Agata

# MILL-AWSTRALJA


Waqt il-laqgħa f'Awstralja

**Laqgħa għall-qraba MSSP fil-Victoria**

*Hemm diversi membri MSSP li għandhom* ħuthom u l-familji tagħhom emigrati fl-Awstralja. Dawn ukoll jagħmlu parti mill-familja tagħna. *Huma jingħaqdu magħna fit-talb u s-sapport tagħhom, li huma ta' importanza kbira*

Nhar il-Ħadd 13 ta' Novembru kien mument sabiħ li fih il-qraba MSSP li jgħixu fl-Istat tal-Victoria, ġew mistiedna għal mument ta' talb u biex isiru jafu aktar lil xulxin. Din l-attività saret fil-parroċċa ta' St Bernadette's f'North Sunshine fil-kappella żgħira u sala f'Cooke Avenue. Konna numru sabiħ - bejn irġiel, nisa u wliedhom. Bdejna b'quddiesa. Billi kien ix-xahar ta' Novembru, offrejna din il-quddiesa b'mod speċjali għal ħutna MSSP, qraba, ħbieb u benefatturi tagħna mejtin.

Kellna x-xorti li l-ommijiet ta' Frs Jude Pirotta u Raymond Zammit, it-tnejn kienu preżenti magħna. Għalhekk ħadna din l-okkażjoni sabiħa, biex uliedhom talbu fuq ommijiethom u għamlulhom is-sagrament tal-Griżma tal-Morda biex il-Mulej ikompli jagħtihom is-saħħa li għandhom bżonn.

Meta tinġabar il-familja dejjem tkun okkażjoni ta' ferħ u ċelebrazzjoni. Allura wara l-quddiesa kellna wkoll iċ-ċans li ninġabru għall-pastizzi u tazza kafè.

Nirringrazzjaw 'l Alla bil-qalb kollha li jkompli jieħu ħsiebna permezz ta' ħutna, qrabatna u l-familji tagħhom.

# MILL-FILIPPINI

***Ako si Christian!***

... bil-Malti, 'Jien Kristjan', huwa t-titlu ta' attività li l-istudenti (brothers) tagħna fil-formazzjoni organizzaw fl-Università Politeknika tal-Filippini. Din l-attività kellha l-għan li ngħinu lill-istudenti universitarji jkomplu japprofondixxu l-fidi u jieħdu bis-serjetà l-ħajja nisranija tagħhom; programm ta' sagħtejn mimli daqs bajda u varjat. Kellna animazzjoni ta' kanzunetti biż-żfin ikkordinati minn Bro. Mike, kor li mexxieh Bro. Bernard, u diversi skizzi/mimi li ħadu sehem fihom il-brothers kollha. Il-fowkus ta' dawn l-iskizzi kienu: l-importanza li nħallu 'l-Mulej fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet tagħna u li npoġġu t-tama tagħna fil-Mulej. Żewġ żgħażagħ mill-istess università qasmu l-esperjenzi tagħhom ta' kif huma qed jgħixu l-ħajja nisranija. Spiċċajna l-attività b'20 minuta ta' talb madwar is-Salib. Mument kommoventi tara ż-żgħażagħ jitolbu u jmissu s-salib u xi wħud minnhom bid-dmugħ f'għajnejhom. F'qalbi għedt: 'min jaf x'inhu għaddej f'qalbhom u minn liema problemi għaddejjin!' Il-ħajja tal-istudenti hawnhekk mhix faċli, speċjalment il-maġġoranza li dejjem preokkupati jkollhomx flus biex iħallsu l-istudju tagħhom. Li tkun qrib il-Mulej u tafda fih hija għajnuna importanti għalihom.


Waqt il-bews tas-salib

Għall-istudenti tagħna, din l-attività ħalliet ukoll frott kbir. Bil-ħafna preparazzjoni u pjanar u l-attività fiha nfisha, l-istudenti tqarrbu aktar lejn xulxin u l-komunità kompliet tissaħħaħ. Barra minn hekk, kien mument li ż-żgħażagħ jiltaqgħu magħna l-mssp u jsiru jafuna iktar. Min jaf il-Mulej isejjaħx xi wieħed jew tnejn minnhom?

Ako si christian mhix attività tal-passat... biħsiebna ntellgħuha f'xi wħud mill-universitajiet li hawn. F'Manila biss hawn mal-45 universitajiet u kulleġġi li fihom jattendu miljuni ta' studenti. Hija għalqa kbira ħafna fejn jista' jsir ħafna ġid.